**MINUTI**

Laqgħa Kunsill Lokali Paola

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 09-03

L-Erbgħa 31 ta' Lulju 2024

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċju amministrattiv tiegħu f' Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja Paola, nhar l-Erbgħa 31 ta' Lulju 2024. Il-laqgħa bdiet fis-6:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Jason Silvio | Sindku |
| | Darren Lynch | Kunsillier |
| | Neville Camilleri | Kunsillier |
| | Roderick Caruana | Kunsillier |
| | Rose Piccinino | Kunsilliera |
| | Melanie Agius Attard | Kunsilliera |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Dominic Grima | Viċi Sindku |
| **Assenti:** | Ħadd | |
| **Uffiċjal Preżenti** | Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

Kunsill Lokali Paola

**03.01** **Qari tal-Ittri ta' apoloġiji**

03.01.01 Is-SE informa li l-Viċi Sindku kien informah li ma setgħax jattendi peress li kien indispost. Il-Kunsillieri approvaw li l-Viċi Sindku għandu jitqies bħala skużat.

**03.02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nri. 09/01 u 09/02**

03.02.01 Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 09/01 li kienu ntbagħtu qabel ġew approvati kif emendati. Il-Kunsilliera Agius Attard ipproponiet filwaqt li l-Kunsillier Camilleri issekonda.

03.02.02 Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 09/02 li kienu ntbagħtu qabel ġew approvati kif emendati. Il-Kunsillier Lynch ippropona u l-Kunsilliera Agius Attard issekondat.

**03.03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

03.03.01 Rigward Jum Paola 2024, is-Sindku nforma li għall-ewwel darba morna tajjeb għalkemm ovvjament dejjem hemm lok fejn nirranġaw. Huwa rringrazzja lill-Kunsilliera Piccinino għar-*write-up* dwar Dun David Borg kif ukoll dwar dak li nkiteb fuq it-tifkira li ngħatat lil dawk li rċevew ir-rikonoxximenti. Kien hemm qbil li idealment il-bijografija tal-Ġieħ tinqara qabel ma ssir il-premjazzjoni kif ukoll li l-Kunsillieri għandhom ikunu preżenti waqt l-għoti tat-tifkira. Kien hemm qbil ukoll li għal darba oħra, norbtu lil min ikun ser jieħu r-ritratti sabiex għaddielna kopja fi żmien jumejn mill-attività.

03.03.02 Rigward il-festa is-Sindku semma li fejn kien mistieden il-Kunsill, rigward dak in-nhar tal-ħruġ min niċċa, wara li l-Kunsillieri urew interess li jattendu kien rnexxielu jirranġa sabiex il-Kunsill ikollu bank riservat fuq quddiem u għalhekk għandna naraw sabiex għal sena oħra dan ikun maħsub minn qabel. Rigward lejljiet u nhar il-festa kollox mar sew. Il-Kunsilliera Piccinino issuġġeriet li kull meta l-Kunsill ikun mistieden għal xi attività, dan għandu jingħata l-prominenza li jixraqlu. Rigward l-indafa, s-Sindku qal li rigward il-knis ma kienx kuntent 100% pero' kien konxju mill-fatt li l-*confetti* li qed jintefgħu mhux jgħin. Huwa qal li issa ser isir il-ħasil tal-Pjazza mill-*Cleansing*. Huwa semma wkoll li għall-ewwel darba l-*mobile toilets* tpoġġew fuq is-suq u kien hemm qbil li fil-futur għandu jsir tindif matul il-ġimgħa ħdejn il-*mobile toilets*.

03.03.03 Is-Sindku nforma li dal-għodu kienet saret laqgħa ma' uffiċċjali mill-Awtorità tal-Artijiet. Huwa qal li konna tlabna sabiex il-post jingħalaq b'rixtelli. Huwa qal ukoll li tlabna li jsir taraġ u dan suppost isir kif ukoll li idealment titranġa l-art u jitranġa l-ħajt. Huwa qal li l-uffiċċjali ssuġġerew li ssir laqgħa mal-PWD sabiex jgħinu fix-xogħlijiet li hemm bżonn.

03.03.04 Is-Sindku semma li kienet saret laqgha ma' uffiċċjali mill-Ministeru għall-Intern dwar l-*issue* tal-*overflow* tal-ħabs għal ġo Ġnien Tony Bezzina. Huwa qal li s-Segretarju Permanenti kienet issuġġeriet li ssir ġiebja ġol-ġnien sabiex l-ilma ma jintilifx u li l-ispejjeż jinħargu mill-Ministeru għall-Intern. Huwa qal li konna qed nistennew l-istima għal dan ix-xogħol mingħand il-Perit tal-Kunsill u malli din tkun għandna ser nibgħatuha l-Ministeru. Kien hemm qbil li jekk il-Ministeru ma jaċċettawx li jħallsu għax-xogħlijiet li hemm bżonn, inkellmu avukat sabiex naraw id-drittijiet/dmirijiet tagħna x'inhuma eżatt.

03.03.05 Is-Sindku nforma li l-kuntratti tal-*Contracts Manager* u tal-Perit kienu skadew u kien qed jissuġġerixxi li dawn jerġgħu jinħargu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

03.03.06 Is-Sindku nforma li kien rċieva talba mingħand il-Kappillan tal-Parroċċa ta' Lourdes sabiex il-Kunsill jipprovdi trasport għall-anzjani fl-okkażjoni ta' Jum l-Anzjani fil-Festa ta' Lourdes. Dwar dan kien hemm qbil unanimu u l-Kunsill ser iħallas tal-ispejjeż tal-*overtime* tax-xufier.

03.03.07 Is-Sindku ta' dettalji dwar l-ewwel laqgħa tar-Reġjun li attenda għaliha u semma fost l-oħrajn il-ħsieb li r-Reġjun jipparteċipa fl-okkażjoni tal-*Mobility Week* 2024.

**03.04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

03.04.01 Il-Kunsillier Lynch staqsa jekk kienx sar id-*Double Yellow Line* fi Triq Ninu Cremona kantuniera ma Triq Brittanja. Is-SE informa li x-xogħol ser isir fil-ġranet li ġejjin.

03.04.02 Il-Kunsillier Lynch staqsa jekk hux possibbli li ġewwa Paola ikun hemm uffiċċjali bħal ma dan l-aħħar ġew introdotti ġewwa l-Belt sabiex jipprevjenu każi ta' vandaliżmu eċċ. Kien hemm qbil li nkellmu lir-Reġjun sabiex nesploraw din il-possibilità.

03.04.03 Il-Kunsillier Caruana staqsa dwar skema ta' parkeġġ ghar-residenti. Is-SE informa li l-Kunsill kien ikkummissjona *Master Plan* dwar it-traffiku u ta xi dettalji dwaru. Huwa qal li malli jkollu kopja tiegħu kien ser jgħaddih lill-Kunsillieri. Il-Kunsillier Caruana semma wkoll il-problema dwar Triq l-Arkata u s-Sindku nforma li x-xahar id-dieħel kien ser ikollu laqgħa dwarha mal-Ministeru responsabbli. L-Kunsillier Caruana semma wkoll il-problema ta' Triq il-Foss fejn residenti qed isibu problema biex joħroġu jew jidħlu f'darhom minħabba vetturi pparkjati quddiem ir-residenzi tagħhom. Peress li din it-triq waslet biex issir minn *Infrastructure Malta,* din il-problema għandha tiġi indirizzata fil-ġejjieni qarib u kien hemm qbil li ssir laqgħa mar-residenti.

03.04.04 Il-Kunsillier Caruana staqsa x'jista' jagħmel il-Kunsill dwar il-ħamiem selvaġġ. Ġie spjegat li bil-liġi ma jista' jsir xejn iżda huwa mportanti li tiġi osservata l-*Bye-Laws* sabiex ir-residenti ma jitimgħux il-ħamiem.

03.04.05 Il-Kunsillier Caruana staqsa jekk il-Kunsill huwiex interessat li japplika għat-titlu ta *Town of Sports 2026*. Huwa spjega fid-dettal x'hemm bżonn li jsir u qal li Paola

jista' jkun l-ewwel lokalita' f'Malta li jkollha dan it-titlu. Is-Sindku ssuġġerixxa li qabel napplikaw għandna nivverifikaw mal-għaqdiet sportivi tar-raħal jekk humiex ikunu parteċipi f'din l-inizjattiva. Il-Kunsillier Lynch li huwa responabbli mill-isports qal li personalment jaqbel mal-inizjattiva. Is-Sindku żied li b'din l-inizjattiva, kull Kunsillier jista' jkun involut fl-attivitajiet li jridu jsiru matul perjodu ta' sena. Kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa għall-għaqdiet sportivi tar-raħal sabiex naraw l-interess tagħhom.

***Il-Kunsillier Lynch ħalla l-laqgħa fit-8:10 pm minħabba mpenji personali.***

03.04.06 Il-Kunsillier Caruana staqsa jekk il-kuntrattur *Derek Garden Centre* huwiex responsabbli mill-funtana quddiem il-Knisja ta' Santa Ubaldesca. Is-Sindku nforma li *Derek Garden Centre* huwa responsabbli biss mill-funtanti li għamel hu stess (Ġnien Lorry Sant u Ġnien Duminku Mintoff).

03.04.07 Il-Kunsillier Caruana staqsa huwiex possibbli li tiġi ppubblikata l-iskeda tal-knis ġewwa r-raħal. Is-SE informa li malli jinforma li l-kuntrattur qed jimxi mal-iskeda li għandu l-Kunsill, tingħata kopja lill-Kunsillieri u tiġi ppubblikata wkoll.

03.04.08 Il-Kunsillier Caruana staqsa huwiex possibbli li jkollu skeda tat-tisqija tas-*soft areas*. Is-Sindku nforma li l-Kunsill ma għandux dettalji dwar dan però l-kuntrattur assigurana li t-tisqija qed issir skont il-bżonn.

03.04.09 Il-Kunsillier Caruana staqsa jekk fl-Inħawi tal-MCAST (Triq Kordin) hemmx xi triq li hija biss għar-residenti. Wara diskussjoni ġie deċiż li għandna naraw jekk din hijiex legali jew le

03.04.10 Il-Kunsillier Caruana staqsa dwar iz-*zebra crossing* li hemm fi Triq Luqa peress li qiegħda viċin il-kantuniera. Is-SE informa li dawn ġew approvati minn Transport Malta iżda sa issa għadhom ma tlestewx l-4 *zebra crossings* li hemm approvati kif ukoll li ma hemmx id-*drop kerb* u lanqas *lights*. Ġie deċiż li niktbu lil *Infrastructure Malta* dwar dan is-suġġett sabiex naraw għaliex ix-xogħol ma tlestiex.

03.04.11 Il-Kunsillier Caruana staqsa jekk jistgħux jinġabru xi ġebel li hemm fi Triq is-Sorijiet fuq il-bankina li waqgħu mill-ħajt ta' Pace Grasso. Kien hemm qbil li dawn għandhom jitneħħew.

03.04.12 Il-Kunsillier Caruana staqsa tistax titranġa l-bandla li hemm fi Ġnien Pawlu Boffa u s-SE informa li hemm pjan sabiex jitranġa l-apparat kollu kif ukoll li jekk niksbu l-fondi, jinbidel il-*soft area* ta' taħt l-apparat kollu.

03.04.13 Il-Kunsillier Caruana staqsa għaliex il-*Parking Bays* viċin l-OK Bar baqgħu ma sarux. Is-SE informa li fil-post imsemmi toqgħod biss *Parking Bay* waħda imma għalkemm kien għamel żmien jitlob dan il-parking, is-sid tal-*Bar* jidher li huwa kuntent bis-sitwazzjoni preżenti.

03.04.14 Il-Kunsillier Caruana staqsa jekk għadx hemm il-pjan li fi Ġnien Pawlu Boffa jsir *ground* tal-football. Is-SE informa li għad fadal ħafna sabiex naslu għal dak il-proġett.

03.04.15 Il-Kunsilliera Piccinino staqsiet jistgħux jiġu mibdula l-partijiet fis-*side-streets* li jagħtu għall-Pjazza li għadhom biċ-ċangaturi (Triq il-Knisja u Triq Ninu Cremona). Filwaqt li ġie spjegat illi l-iskop ewlieni meta tneħħew iċ-ċangaturi mill-Pjazza kien li jiġi eliminat il-periklu mit-triq prinċipali, kien hemm qbil li naraw x'jista' jsir sabiex dawn il-partijiet perikolużi jitneħħew ukoll.

03.04.16 Il-Kunsilliera Piccinino staqsiet x'inhuma l-pjanijiet għal Ġnien il-Mediterran. Is-SE informa li f'dan il-ġnien hemm ippjanat wieħed mis-16-il proġett ta' Project Green però iktar kmieni din is-sena waqt laqgħa ma uffiċjali tal-MCAST, konna ġejna mgħarrfa li l-*area* kollha taqa' taħt l-MCAST/Dipt. tal-Edukazzjoni. Huwa qal li l-MCAST iddikjaraw li huma kull ma jixtiequ jżommu hija parti żgħira mill-*area* kollha u li kienu lesti li jagħtu *No Objection* sabiex ikun jista' jsir il-proġett. Sfortunatament, sa llum, din in-*No Objection* kienet għadha ma ħarġitx. Huwa qal li qed jipprova jġib din in-*No Objection* bl-għajnuna ta' terzi persuni però sa issa kien għadu ma wasalx. Il-Kunsilliera Piccinino insistiet li jekk dan huwa l-każ, għandna nitolbu lill-MCAST sabiex jieħdu ħsieb il-ġnien kif suppost, inkluż it-tisqija neċessarja, diment li dan jaqa' taħthom.

03.04.17 Il-Kunsilliera Piccinino semmiet li kienet talbet lista ta' proġetti u kuntratti / obbligazzjoni finanzjarja li għandu l-Kunsill. Is-SE wiegħed li ser jipprovdi l-informazzjoni mitluba.

03.04.18 Il-Kunsilliera Piccinino talbet li l-Kunsillieri għandhom ikunu nfurmati b'kull laqgħa uffiċċjali li ssir ma entitajiet pubbliċi u mhux isiru jafu minn terzi persuni jew mill-medja. Is-Sindku semma li ċerti laqgħat ikunu mitluba li jsiru esklussivament mas-Sindku però huwa qal li ma jsibx oġġezzjoni li jinforma lill-Kunsillieri b'xi laqgħat li jkun mistieden għalihom sabiex il-Kunsillieri jkunu jistgħu iressqu is-suġġerimenti tagħhom għal waqt din il-laqgħa.

03.04.19 Il-Kunsilliera Piccinino staqsiet dwar xi *Traffic Plan* li hemm ippjanat u xtaqet dettalji dwaru. Is-SE informa li l-uniku pjan li jaf bih hu huwa relatat mal-*issue* ta' vetturi kbar li qed jgħaddu minn Triq l-Arkata b'konsegwenza għall-gallariji ta' xi residenzi. Huwa qal li dan il-pjan qatt ma ġie mplimentat peress li għandu jiġi inkorporat mal-*Master Plan* għat-traffiku li pprepara l-Kunsill.

03.04.20 Il-Kunsilliera Piccinino staqsiet huwiex possibbli li jsiru 2 tabelli direzzjonali li jindikaw il-Knisja ta' Lourdes. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

03.04.21 Il-Kunsilliera Piccinino ilmentat dwar kaptell imkisser fi Triq is-Sultana. Is-SE informa li din hija propjetà tad-dar tal-anzjani Casal Paola u li tkissret mill-van tal-*laundry* tal-istess dar tal-anzjani. Huwa qal li fil-passat konna kellimnihom u kienu wegħduna li ser jieħdu ħsieb li jibdlu l-kaptell. Kien hemm qbil li nerġgħu niġbdulhom l-attenzjoni dwar il-każ.

03.04.22 Il-Kunsilliera Piccinino staqsiet x'ser jiġi mir-*recovery room* li hemm taħt l-uffiċċju tal-Kunsill ladarba jsir il-proġett tal-latrina awtomatika u l-*lift*. Is-SE informa li l-Kunsill mhux obbligat li jipprovdi kamra oħra, personalment ma jafx b'post alternattiv. Ġie deċiż li nippruvaw insibu sit alternattiv.

03.04.23 Il-Kunsilliera Piccinino ilmentat dwar il-lift ta' ħdejn l-MCAST li jagħmel ħafna żmien ma jaħdimx. Kien hemm qbil li niktbu lill-*Infrastructure Malta* dwar dan il-*lift*.

03.04.24 Il-Kunsilliera Piccinino staqsiet dwar magna oħra tal-BCRS in-naħa ta' Lourdes. Il-Kunsillier Camilleri informa li kien qed jaħdem sabiex tinġieb waħda fl-Inħawi tal-uffiċini ta' *Transport Malta*.

03.04.25 Il-Kunsilliera Piccinino issuġġeriet li ssir ATM in-naħa ta' Lourdes. Is-SE informa li l-banek ikunu jridu li din tkun vijabbli għalihom u li jinstab is-sit fejn tkun tista' ssir din l-ATM. Kien hemm qbil li jekk nidentifikaw sit, inkellmu lil-Banek sabiex naraw humiex interessati.

03.04.26 Il-Kunsilliera Piccinino staqsiet huwiex possibbli li ssir *Reserved Parking Bay* oħra fil-Pjazza ħdejn l-APS. Kien hemm qbil li għandna napplikaw.

***Fid-09:00 pm is-SE ġibed l-attenzjoni tal-Kunsillieri li kienu għaddew 3 siegħat mill-bidu tal-laqgħa u għalhekk staqsa jekk kienx hemm qbil li l-laqgħa tkompli. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.***

03.04.27 Il-Kunsilliera Piccinino infurmat li l-*Bus Shelters* eżistenti ma humiex kbar biżżejjed. Is-SE informa li l-*Bus Shelters* huma ta' qis *standard* u ipprovduti minn kumpanija partikolari. Huwa qal li minħabba kawża l-qorti, kien hemm *back-log* ta' xi 3 snin. Kien hemm qbil li għandna nitolbu *Bus Shelters* addizzjonali ħdejn l-Għassa u faċċata kif ukoll għal *Bus Stop* "Lourdes".

03.04.28 Il-Kunsilliera Piccinino infurmat li hemm *Reserved Parking Bay* fi Triq il-Qalb ta' Ġesù li ta' min hi ma għadux joqgħod hemm. Ġie deċiż li għandna niċċekkjaw jekk huwiex personalizzat jew le qabel inneħħuħ. Hija talbet ukoll li għandhom jiżdiedu l-*Parking Bays* għall-muturi.

03.04.29 Il-Kunsilliera Piccinino ilmentat dwar ipparkjar ta' kontejners fl-Inħawi ta' Kordin u qalet li hemm bżonn tittieħed azzjoni immedjata sabiex il-Kunsill ma jkun risponsabbli għal xi diżgrazzja.. Is-Sindku nforma li kien bagħat ir-ritratti ta' dan l-abbuż direttament lill-Ministru sabiex tittieħed azzjoni.

03.04.30 Il-Kunsilliera Piccinino staqsiet jekk il-Kunsill ikollux kopja tar-rappreżentazzjonijiet li jagħmel il-Perit għal permessi tal-bini. Is-SE informa li kien ser jitlob lill-Perit sabiex jibda jibgħat kopja tar-rappreżentazzjonijiet li jagħmel f'isem il-Kunsill.

03.04.31 Il-Kunsilliera Agius Attard staqsiet huwiex possibbli li jiżdiedu r-rondi mill-Pulizija fi Ġnien Dom Mintoff jew li l-ġnien jingħalaq. Kien hemm qbil li ninfurmaw lil-Pulizija sabiex iżidu r-rondi fl-Inħawi.

03.04.32 Il-Kunsilliera Agius Attard ilmentat li n-nies għadhom qed jużaw iz-*zebra crossing* li kienet saret temporanja fi Triq Zabbar. Is-SE informa li kien ser jinforma lil-Perit ta' *Infrastructure Malta* li kien involut fix-xogħlijiet f'din it-triq.

03.04.33 Il-Kunsilliera Agius Attard staqsiet tistax issir mera fi Triq Bormla faċċata ta' Triq Mater Boni Consili. Is-Sindku nforma li filwaqt li jaqbel li hemm bżonn li din il-mera ssir, hemm problema ta' loġistika fejn teħel din il-mera minħabba t-tined li hemm fuq il-post.

03.04.34 Il-Kunsillier Camilleri staqsa jekk jerġax jibda jsir xi tip ta' *spray* kontra l-wirdien. Kien hemm qbil li nippruvaw naraw min jipprovdi dan is-servizz.

**03.05 Korrispondenza, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

03.05.01 Korrispondenza SPI/SCI/04/2024 mingħand id-DLG rigward *Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali*. Kien hemm qbil li nippruvaw insibu sit sa laqgħa oħra.

**03.06 Attivitajiet**

03.06.01 Il-Kunsilliera Agius Attard infurmat li kienet qed taħdem fuq diversi attivitajiet fosthom għaż-żgħażagħ u l-anzjani mal-*Primary Healthcare, Mobile Dental Unit* u l-*Mobile Blood Donation Unit, Health Promotion Unit.* Il-Kunsilliera Piccinino infurmat li anke min-naħa tagħha kienet qed taħdem fuq xi attivitajiet edukattivi għall-anzjani u fiċ-ċirkostanzi s-Sindku ssuġġerixxa li dawn l-attivitajiet għandhom jiġu diskussi mal-Viċi Sindku li huwa responsabbli għall-anzjani. Kien hemm qbil li fejn ikun hemm *overlapping* bejn ir-responsabbiltajiet, għandu jkun hemm diskussjoni bejn il-Kunsillieri. Hija issuġġeriet ukoll li jsiru 2 attivitajiet għat-tfal qabel jidħlu lura l-iskola – waħda edukattiva u oħra mhux edukattiva. Peress li l-Kunsilliera Piccinino hija lecturer l-MCAST, issuġġeriet li l-istudenti tagħha jiktbu kotba għat-tfal u imbagħad jaqrawhom lit-tfal. Ġie deċiż li l-attività mhux edukattiva ssir fil-forma ta' *water games* qabel it-tfal jidħlu l-iskola u l-attività edukattiva ssir fi żmien l-iskola.

Il-Kunsillier Caruana ssir attivita' fl-okkażjoni ta' Halloween u jiġu nklużi x-xelters flimkien mal-għaqdiet tar-rahal. Is-Sindku filwaqt li qabel li għandha ssir attività għal Halloween, issuġġerixxa li ssir attività li tinkludi purċissjoni bl-istatwi z-żgħar. Huwa semma wkoll li għal Milied għandu jsir *Christmas Market* u li għaliha jintużaw fost l-oħrajn il-fondi li hemm mir-Reġjun għal attivitajiet li jammontaw għal € 12,500. Kien hemm qbil li din l-attività tieħu post dik li kienet issir maż-żewġ soċjetajiet għal dawn l-aħħar snin u li ssir bejn il-11 u l-15 ta' Diċembru. Dwar dan kien hemm qbil u s-Sindku għandu jibda jaħdem fuq din l-inizjattiva. Kien hemm qbil ukoll li għandhom jinġiebu l-kwotazzjonijiet għat-tiżjin tal-Milied.

Is-Sindku nforma li kien ser jorganizza attività *Gozo by Night* f'Awwissu u attività oħra f'Settembru.

**03.07 Risposta għall-*Management Letter* 2023**

03.07.01 Minħabba li d-dokument wasal tard għand il-Kunsillieri, kien hemm qbil li din l-item tiġi diskussa f'laqgħa oħra.

**03.08 Rapport Finanzjarju – t-Tieni Kwart Jannar / Ġunju 2024**

03.08.01 Minħabba li d-dokument wasal tard għand il-Kunsillieri, kien hemm qbil li din l-item tiġi diskussa f'laqgħa oħra.

**03.09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti Nru. 09/03**

03.09.01 L-iskeda ta' Pagament ġiet approvata unanimament minbarra l-kont numru 51 peress li rridu niċċekkjaw jekk huwiex possibbli li nwaqqfu s-servizz.

**03.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

03.10.01 Il-laqgħa ntemmet fl-10:20 p.m. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir l-Erbgħa 28 ta' Awwissu 2024 fis-6:00 p.m.

**Konfermati illum l-Erbgħa 28 ta' Awwissu 2024.**

| | |
|---|---|
| **Jason Silvio**<br>**Sindku** | **Fabian Mizzi**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |